MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tad-19 ta' Marzu, 2012

Numru. 160/2012

**Il-Pulizija**
**[Spettur Jesmond J Borg]**

**vs**

**Yuliya Georgieva Naydenova**

**Illum 19 ta' Marzu, 2012**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra Yuliya Georgieva Naydenova ta' 19 il-sena, bint George u Nelly, imwielda Bulgarija fis-17 ta' Novembru 1992, residenti Carolina Block B Triq Sant' Antnin, San Pawl il-Bahar u detentrici tal-karta tal-identita 39041A.

Akkuzat talli f' dawn il-Gzejjer fis-17 ta' Marzu, 2012 u matul is-sena ta' qabel din id-data f' hinijiet u f' postijiet diversi madwar Malta;

1) Ikkoltivat l-pjanta Cannabis bi ksur tal-artikolu 8(c) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;
2) Kellha fil-pussess taghha l-pjanta Cannabis, kollha jew bicca minnha, bi ksur ta' l-artikolu 8(d) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex f' kaz ta' htija, tordna lill-imputat sabiex ihallas lir-Registratur ta' l-ispejjez kollha jew parti minnhom li jkollhom x' jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti jew periti fil-proceduri, inkluzi dawk ta' l-esperti li jkunu gew mahtura fl-istadju tal-process verbal ta' l-inkjesta, f' dak iz-zmien u f' dak l-ammont bhal ma jkun gie stabbilit fis-sentenza jew fl-ordni ai termini tal-artikolu 533(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-artikoli 8(c) u 8(d) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-Ordni ta'l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

Rat id-dokumenti esebieti.

Rat li l-imputata ammettiet l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha u kkonfermat din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtha zmien tikkunsidra l-pozizzjoni taghha.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputata ammettiet l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed tinstab hatja l-imputata u min-naha l-ohra l-koperazzjoni taghha mal-pulizija anke ai fini

ta’ l-artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, u l-ammissjoni f’l-aktar stadju bikri ta’ dawn l-proceduri.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 8(c)(d) u 29 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputata hatja ta’ l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah sena (1) prigunerija u multa ta’ hmes mitt Euro (€500) li ghandha tithallas fi zmien tmintax (18) il-xahar.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------